# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 12**
**Rikors numru: 794/21/1 TA**

**Britney Galea**

**v.**

**Trilogy Limited (C-42528)**

**Il-Qorti:**

1. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan *a tenur* tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza.

2. Mhux ikkontestat illi fis-27 ta' Lulju 2019 l-attriċi korriet waqt li kienet qiegħda f'ħanut tal-ħwejjeġ iġġestit mill-konvenuta, fiċ-*changing room* tan-nisa, kawża ta' oġġett imdendel li waqa' fuq sieqha x-xellugija.

3. Quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi allegat li sofriet danni permanenti f'persuntha u talbet il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni. Il-konvenuta ċaħdet kull responsabilita` għal dak li ġara.

4. B'sentenza tat-30 ta' Mejju 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi, wara li wieżnet il-provi kif ġej:

> "8. Il-Qorti eżaminat sewwa l-provi u ma kellha ebda diffikulta' biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha għaliex kollox jiddependi fuq kemm hija vera l-verżjoni li tat l-Attriċi kif addossata mix-xhieda ta' ommha Vanessa Galea. L-inċident idur fuq fatt wieħed: jekk fil-mument tiegħu kienux it-tnejn fic-changing room maħsuba biex fiha tidħol persuna waħda.
>
> Vanessa Galea omm l-Attriċi tixhed hekk:
>
>> "X'hin konna lesti induru, dhalna f'wahda mill-kmamar fejn tipprova l-hwjjeg u bdejna indendlu dawk il-hwejjeg li konna ghazilna mal-'hangers' li kienu imwahhlin. Nghid li sakemm jiena kont qeghda b'dahri lejn Britney sabiex indendel il-hwejjeg, smajt hoss kbir u malli dort biex nara x'gara indunajt illi kien waqa' frejm li kien imndendel in-naha ta' fejn kienet Britney" (a' fol 84).
>
> 9. L-Attriċi tgħid li "Malli dhalna f'changing room minnhom, jiena mort sabiex indendel il-flokk ma' wahda mill-hangers u ommi marret biex idendel il-hwejjeg li kellha f'idha ma hanger differenti li kienet tinsab f'sezzjoni ohra parti mill-istess kamra. Gara izda li f'dawn il-ftit sekondi li konna ilna fil-kamra bil-purtiera tal-kamra ghadha miftuha stante li ommi kienet ghadha ma hargitx, frejm tal-injam bil-hgieg li kien imdendel fl-istess kamra waqa' minn postu direttament ghal fuq sieqi x-xellugija." (a' fol 108).
>
> 10. Il-Qorti appositament għamlet l-emfażi għaliex sa hawn l-omm u l-bint jaqblu li t-tnejn kienu fil-kamra. Għal xi raġuni, aktar tard fil-kawża biddlu l-verżjoni tagħhom għaliex presumibilment intebħu, li ma kienux

it- tnejn f'kamra, li suppost qegħdha għal persuna waħda, l-inċident ma kienx jiġri.

11. Di fatti Alexandra Vella impjegata mal-ħanut tiddeskrivi c-changing room hekk: "meta tidhol ghandek purtiera, on the right hand side ghandek fejn idendel il-hwejjeg, frontal ghandek mirja, a large one, on the left hand side we had frejmijiet, picture frejmijiet with appropriate guidelines through abroad li jkollna inbiddluhom and so in. Just the picture I mean, u ghandna qiesu puffy stool taht il-frejm..." (a' fol 228 tergo). Meta mistoqsija kemm tesa' nies it-tweġiba tagħha kienet "One person". Dan jikkonfermah anke Joe Borg wieħed mill-partners (a' fol 329). Din ix-xhud tkompli tixhed li "Smajt naqra qiesu chaos qiesu tgerfix fil-fitting room.

Harget omm it-tfajla li weggghet" (a' fol 229). Din tgħid ukoll li dawn il-frejmijiet ma għadhomx jagħmluhom wara l-inċident (a' fol 234). Huwa sinjifikanti li din ix-xhud li ma għandha minn ħadd għaliex kienet ser tispiċċa u b'diżinvoltura tgħid li mic-changing room ħarġet omm it-tfajla ċioe' l-Attriċi.

12. Aktar tard fil-Kawża, Vanessa Galea omm l-Attriċi in kontro eżami tgħid li dak in-nhar kellha xi tops u xi libsa f'idejha (a' fol 389). Din tgħid li l-ewwel daħlet hi fic-changing room biex dendlitħom. Ħarġet u daħlet warajha. Tiċħad li kienu t-tnejn flimkien fil-kamra. Tiċħad dak li qalet fl-affidavit u tgħid li hi u ħierġa daħlet l-Attriċi. Meta ġara l-inċident kienet ħdejn il-purtiera biex tressaqilha ħalli tkun tista' tidħol (a' fol 391). Tiċħad li f'xi mument kienu t-tnejn fil-kamra (a' fol 395 u a' fol 396 tergo). Anke l- Attriċi tibdel il-verżjoni ta' dak li qalet fl-affidavit tagħha u ukoll tiċħad li kienu tnejn fl-istess kamra (a' fol 431). Tiċħad ukoll li dak il-ħin tal-inċident il-purtiera kienet magħluqa meta magħha kien hemm ommha fil-kamra (a' fol 431 tergo).

13. Minkejja dan kollu Simon Galea għid il-fatti kif suppost u anke jikkorobora lil Alexandra Vella meta jixhed li meta ra l-video tac-CCTV camera li kien hemm fil-ħanut lemaħ "tnejn minn nies dehlin fil-kamra u jaghlqu l-purtiera u wara zewg sekondi inqalghet, rega' infethet il-purtiera u dahlet is-sales girl biex tara x'gara. Inqala' xi haga dak il-hin" (a' fol 439 u tergo). Imma dulcis in fundo din il-Qorti rat ukoll dan il-video li ġieesebit fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2023 u jidher ċar kristall li l-Attriċi u l-omm ma humiex għidu is-sewwa.

14. Dan ifisser li dak li ġara f'dik il-kamra jafuh biss l-Attriċi u l-omm. Li huwa żgur hu f'kamra żgħira, bi tnejn minn nies mgħobbija b'xirja ħwejjeġ u li ma għandniex xi ngħidu riedu jduru fiha żgur li dak il-kwadru ma waqax waħdu u x'aktarx kien milqut. Kieku dan ma hux minnu ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Attriċi u lil ommha li jbiddlu l-verżjoni tagħhom ta' kif ġraw l-affarijiet. Il-Qorti qatt ma hi disponibbli li tagħti affidament lil min ma jgħidx is-sewwa kollha għax b'hekk ma jista' jkun qatt pedament tal- verita'.

> 15. Għalhekk anke fid-dawl tas-sentenzi suċċitati il-Qorti qatt ma tista' tkun konvinta li hemm in-ness tal-kawżalita' mal-ħsara li ġarrbet l-Attriċi."

5. L-attriċi appellat mis-sentenza.

6. **L-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi,** għal dawn ir-raġunijiet:

(i) L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha abbażi ta' żewġ premessi prinċipali: (a) li l-kamra fejn seħħ l-inċident hija intiża għal persuna waħda biss, u (b) li l-verżjoni tal-attriċi ma' kinitx taqbel mal-filmat CCTV li ġie preżentat fil-mori tal-proċeduri. Skont l-Ewwel Qorti, il-kamra fejn seħħ l-inċident kienet intiża għal persuna waħda biss; ġaladarba l-attriċi u ommha kienu t-tnejn fil-kamra, l-inċident kien tort tal-attriċi.

(ii) Meta waslet għal din il-konklużjoni, l-Qorti naqset milli tqis id-diversi argumenti li ġew prodotti li jikkonfermaw kif il-qisien tal-kamra, waħedhom, ma jwasslux sabiex ikun hemm ħtija fuq l-attriċi. L-unika bażi li l-Qorti kellha sabiex tikkonkludi li l-kamra kienet intiża għal persuna waħda kienet it-testimonjanza tad-direttur tas-soċjetà appellata u l-impjegata Alexandra Vella li kellhom l-interess tas-soċjetà appellata. Ma kien hemm ebda forma ta' struzzjoni lill-klijentela li l-kamra fejn tbiddel kellha tintuża minn persuna waħda

biss. Ma kien hemm ebda persuna jew impjegat li kien qiegħed għassa għal tali kmamar jew li kien qiegħed jaċċerta ruħu li ebda persuna ma' tkun akkumpanjata fil-kamra fejn tbiddel. Dan ukoll kif altrimenti huwa prassi fi ħwienet li jkollhom minn tal-inqas persuna waħda li tkun mal-kmamar tat-tibdil biex tara li jkun hemm ordni, li twaqqaf persuni milli jidħlu flimkien fil-kmamar, u li tieħu l-ħwejjeġ li ma jkunux intgħażlu. Allura ma jista' qatt wieħed jasal għall-konklużjoni li l-kamra ma kinitx intiża għal iktar minn persuna waħda.

(iii) Mis-CCTV wieħed jista' faċilment jara li tali kamra hija kbira biżżejjed sabiex l-attriċi u ommha jidħlu fiha u jkunu komdi. Fil-fatt mhux biss daħlu fiha, iżda l-omm kellha spazju tagħti daharha lill-attriċi u ddendel il-ħwejjeġ. Barra minn hekk l-attriċi kellha biżżejjed spazju biex ma tiġix tidher fil-filmat. Fin-naħa tax-xellug tal-kamra fejn kienet l-attriċi kien hemm ukoll pultruna li lanqas biss ġiet tidher fil-filmat. Dan ikompli juri kif il-kamra kienet waħda spazjuża, a kuntrarju ta' dak li argumentat is-soċjetà appellata u għal dak li waslet għalih l-Ewwel Qorti.

(iv) Punt ieħor li qed jiġi kompletament minsi mill-Ewwel Qorti kien dak relatat mal-mod kif il-frejm li waqa' fuq sieq l-attriċi kien imwaħħal. L-Ewwel Qorti tonqos milli tagħmel referenza waħda għal dan il-frejm. Il-punt tat-tluq kellu jkun li l-frejm kellu jkun imwaħħal

b'mod sigur, f'kamra li hija intiża sabiex in-nies ibiddlu fiha, u ċjoè li jagħmlu numru ta' movimenti biex jilbsu l-ħwejjeġ li jkunu qed jippruvaw. Tali frejm kellu allura jkun imwaħħal tajjeb biżżejjed biex jiġri x'jiġri, ma' jaqax, iktar u iktar tenut kont li kien magħmul mill-ħġieġ. Minkejja dan il-punt, l-attriċi xorta waħda insistiet li fl-ebda punt ma kien hemm kuntatt mal-frejm.

(v) Mir-ritratti ppreżentati mis-soċjetà appellata, meħudin numru ta' ġimgħat wara l-inċident, irriżulta biċ-ċar illi t-toqba fil-ġipsum fejn kien hemm imdendel il-frejm ma kinitx fi stat tajjeb. Fil-fatt, anke jekk wieħed kellu għas-saħħa tal-argument biss jilqa' l-ipoteżi li l-attriċi dendlet il-flokk li kellha f'idejha mal-frejm, fatt li ġie miċħud b'mod kategoriku mill-attriċi, xorta waħda t-toqol ta' flokk wieħed ma' kellu fl-ebda istanza jwassal sabiex il-frejm jaqa'. Lanqas ma kellu jwassal sabiex il-frejm mhux biss jaqa' iżda jitqaċċat mill-ġipsum li kien qiegħed iżommu. Ma kien hemm l-ebda ċertezza li l-frejm ma kienx ġie danneġġjat minn xi patrun ieħor tal-ħanut qabel ma daħlet l-attriċi fil-kamra. Tali kmamar jintużaw minn mijiet ta' klijenti kuljum u allura l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal kwalunkwe deċiżjoni ta' nuqqas ta' responsabilità da parti tal-attriċi. Mhux talli hekk, talli l-Ewwel Qorti kompletament naqset milli tagħmel kwalunkwe referenza għal dan il-punt.

(vi) Is-soċjetà appellata fl-ebda ħin ma ppruvat li hija ħadet xi miżuri sabiex tara li dawn il-frejmijiet kienu mwaħħlin b'mod sigur. Malli s-soċjetà appellata rrealizzat il-periklu li kienu qed jitpoġġew fih il-klijenti tagħhom b'riżultat tal-mod kif kienu mwaħħlin mingħajr sengħa u arti l-frejmijiet in kwistjoni fic-*changing rooms*, hemmhekk ipproċedew mill-ewwel sabiex ineħħu l-frejmijiet kollha u dan fih inniffsu kien ammissjoni ta' responsabilità li juri li s-soċjetà appellata kienet qed taqbel li l-frejmijiet kienu qed jirrappreżentaw periklu għall-klijenti tagħhom li jużaw ic-*changing rooms*.

(vii) Ladarba l-inċident seħħ wara purtiera magħluqa u allura wieħed ma' jistax jikkonferma x'ġara biex waqa' l-frejm, l-ewwel Qorti ddeċidiet illi l-verżjoni tal-attriċi ma' kinitx waħda kredibbli u li allura hija kienet responsabbli għall-inċident. Dan wara li s-soċjetà appellata fuq numru ta' istanzi, argumentat illi l-attriċi allegatament dendlet il-flokk li kellha f'idejha mal-frejm li mbagħad waqa'.

(viii) Illi biss però tali ipotesi mhux biss ma ġietx ibbażata fuq ebda prova jew punt konkret, iżda wkoll ma tagħmilx sens meta kkunsidrata *ai fini* tal-evidenza kollha li nġabet u li tinsab fil-proċess ta' dawn il-proċeduri.

(ix) Mhux biss ma tagħmilx sens li l-attriċi ddendel il-flokk mal-frejm, ġaladarba l-hwejjeġ kollha l-oħra ġew imdendla mal-*hangers* appożiti, talli terġa' u tgħid li jekk kemm-il darba kien hemm il-bżonn li tneħħi l-flokk minn idejha, l-attriċi setgħet titfa' l-flokk fuq il-banketta li kien hemm maġenbha, fuq in-naħa tax-xellug tal-kamra. Il-fatt li kien hemm din il-banketta li ma ġietx tidher fuq il-filmat tas-*CCTV foot*, mhux biss tkompli tafferma l-fatt li l-kamra kienet kbira biżżejjed biex tiflaħ iktar minn persuna waħda, iżda wkoll li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-inċident seħħ kawża ta' nuqqas tal-attriċi, la huwa meritat fuq kwalunkwe forma ta' prova, iżda lanqas jagħmel sens u dan ġaladarba l-attriċi mhux biss ma dendlitx il-flokk li kellha mal-frejm, iżda terġa' u tgħid lanqas kellha raġuni tagħmel hekk ġaladarba kien hemm il-banketta maġenbha.

(x) Mhuwiex minnu illi l-appellanta u ommha biddlu l-verżjoni tagħhom għax intebħu li mhux suppost kienu qegħdin żewġ minn nies f'kamra waħda. Jekk l-attriċi kinitx waħedha fil-kamra jew le, ma' setgħet qatt twassal sabiex il-fatti kollha l-oħra mressqa għall-attenzjoni tal-qorti bi provi konkreti jiġu kompletament skartati, bil-premess li ġaladarba kien hemm verżjonijiet kunflinġenti fuq punt wieħed biss, mela allura dak kollu li seħħ kien tort uniku tal-attriċi, u li s-soċjetà appellata ma' kellha l-ebda nuqqas da parti tagħha għall-inċident.

6. Din il-Qorti tqis li mhux verosimili li l-attriċi u ommha insew li daħlu t-tnejn f'daqqa fiċ-*changing room*, anke jekk għadda ż-żmien sakemm sar il-kontroeżami. L-inċident kellu jistampa fil-memorja tagħhom iċ-ċirkostanzi li fih seħħ b'mod li ma jitħassarx kif ġieb u laħaq.

7. Skont l-appellanti, din l-inkonsistenza ma kellhiex twassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-attriċi u ommha kkawżaw l-inċident. Din il-Qorti iżda ssib li apparti din l-inkonsistenza msemmija mill-Ewwel Qorti, kien hemm oħrajn li wkoll huma jikkontribwixxu għall-konvinċiment li l-inċident seħħ tort tal-attriċi u ommha:

(i) Vanessa Galea tgħid illi hija kellha xi *tops* u xi libsa f'idejha filwaqt li bintha kellha xi żewġt *tops* ukoll f'idejha. Iżda mbagħad mistoqsija mill-Qorti jekk l-appellanti kenitx għadha bil-ħwejjeġ f'idejha meta waqa' l-inkwatru, Vanessa Grech tirrispondi:

> "Le le diġa tathomli biex indendilhom.
>
> Qorti: Kollha kienu mdendlin il-ħwejjeġ?
>
> Xhud: Ehe."

Dan assulutament mhuwiex minnu għax meta wieħed jara l-filmat, kull ma jidher fuq il-*hanger* huma l-libsa u t-*top* li kienu f'idejn l-omm. Ma jidher xejn minn dak li kellha f'idejha l-appellanti meta daħlet fil-kamra. Ftit ħin wara l-omm tidher qiegħda tiġborhom mill-art u

tpoġġihom fuq xkaffa fil-viċin filwaqt li l-ħwejjeġ li kienu fuq il-*hanger* baqgħu kollha fuq il-*hanger*.

(ii) Britney Galea tgħid li kien hemm żewġ inkwatri fiċ-*changing room* meta fil-fatt kien hemm wieħed biss. *Viva voce* xehdet ukoll li l-ħwejjeġ kienu kollha f'idejn ommha meta fl-affidavit tagħha kienet qalet li hija kienet qed iddendel il-ħwejjeġ f'post u ommha kienet qed iddendel il-ħwejjeġ l-oħrajn fuq *hanger* oħra, dejjem fl-istess *changing room*.

(iii) Jirriżulta illi l-attriċi ma kinitx qed iddendel il-ħwejjeġ fuq il-*hanger* appożitu li kien jinsab fuq in-naħa tal-lemin taċ-*changing room* hekk kif tidħol fih. Huwa evidenti li l-attriċi kienet qed iddendel il-ħwejjeġ f'post mhux addattat sabiex iddendel il-ħwejjeġ. Fil-fatt, hija tgħid hekk:

> "Nghid illi malli dhalna f'changing room minnhom, jien mort sabiex indendel il-flokk ma' waħda mill-'hangers' u ommi marret biex iddendel il-ħwejjeġ li kellha f'idha ma 'hanger differenti' li kienet tinsab f'sezzjoni oħra parti mill-istess kamra."

L-istess verżjoni tingħata fl-affidavit ta' omm l-attriċi li qalet hekk:

> "..dħalna f'waħda mill-kmamar fejn tipprova l-ħwejjeġ u bdejna ndendlu dawk il-ħwejjeġ li konna għażilna mal-hangers li kienu mwaħħlin.
>
> 2. Ngħid li sakemm jiena kont qiegħda b'dari lejn Britney sabiex indendel il-ħwejjeġ smajt ħoss kbir u malli dort biex nara x'ġara indunajt illi kien waqa' frejm li kien imdendel in-naħa ta' fejn kienet Britney."

Però jirriżulta illi fil-fatt fiċ-*changing room* in kwistjoni ma kienx hemm żewġ postijiet fejn iddendel il-ħwejjeġ imma post wieħed biss u dan ma kienx fejn dendlet il-ħwejjeġ l-attriċi imma fejn tidher qed iddendilhom ommha fil-filmat. Tant hu hekk illi Alexandra Vella li kienet l-*istore manager* tal-ħanut fejn ġara l-inċident xehdet hekk:

> "Mela meta tidħol int għandek purtiera, on the right hand side għandek fejn iddendel il-ħwejjeġ, frontal għandek mirja, a large one, on the left hand side we had frejmijiet, picture frejmijiet with appropriate guidelines through abroud li jkollna nbiddluhom and so on."

(iv) Mill-pjanta *to scale* esibita a fol. 379 tal-proċess jirriżulta li l-kamra jew aħjar *cubicle* kienet ta' ftit iktar minn metru wiesgħa u ftit iktar minn metru fonda. Apparti dak li xehdu l-impjegati tal-konvenuta li ċ-*changing room* kienet intiża għal persuna waħda, anke s-sens komun jgħidlek li *changing room* tkun biex tidħol tbiddel fiha persuna waħda għall-privatezza, u mhux tnejn. Ma kien hemm bżonn l-ebda senjalazzjoni f'dan is-sens. Tul is-snin li l-klijenti użaw iċ-*changing room*, dan il-frejm qatt ma waqa' u ma kien hemm ebda inċident. Kien biss fil-mument li daħlu tnejn minn nies mhux persuna waħda u dendlu l-ħwejjeġ fuq il-frejm li l-inċident seħħ. Kien hemm ksur tal-*ordinary and reasonable use* billi: (i) daħlu żewġ persuni f'kamra intiża għal użu minn persuna waħda biss u (ii) l-appellanti dendlet il-ħwejjeġ mal-frejm. Dan l-abbuż kien il-kawża li wasslet għall-waqa' tal-frejm.

8. L-ewwel aggravju huwa għalhekk bla siwi u qiegħed jiġi miċħud.

9. **It-tieni aggravju huwa li fl-ipotesi li l-attriċi u ommha kienu negliġenti, l-Ewwel Qorti kellha ssib li kien hemm negliġenza kontributorja mill-konvenuta billi:**

(i) Il-konvenuta ħalliet iċ-*changing room* mhux sorveljata; m'għamlet ebda sinjal li jwissi lill-pubbliku li fiha kellha tidħol biss persuna waħda; kellha tipprevedi li l-possibilità li l-frejm seta' jintlaqat. Kull min juża' ċ-*changing room* kellu kull dritt jippretendi li l-post kien sikur u ma kellux l-obbligu li jiċċekkja kull ħaġa li kien hemm fiha biex jara li din hija mwaħħla b'mod sigur.

(ii) Il-filmat tas-CCTV prodott mill-istess soċjetà appellata li juri biċ-ċar li l-preżenza tal-omm għal dawk il-ftit sekondi kienet biss sabiex iddendel xi ħwejjeġ mal-ganċ appożitu. La l-appellanti u wisq anqas ommha li kienet hemm biss sabiex tassisti lil bintha, ma kienu qed ibiddlu imma kienu biss laħqu dendlu xi ħwejjeġ mal-ganċ apposta li kien hemm sabiex wieħed idendel il-ħwejjeġ miegħu. Dan juri li l-frejm ma waqax għaliex kien imċaqlaq b'forza esaġerata, imma għaliex ma kienx imwaħħal b'mod sod u integru.

10. Il-piż tal-prova ta' negliġenza kontributorja jaqa' fuq spallejn l-attriċi. Li jfisser li hi kellha ġġib prova ċara li l-frejm ma kienx imwaħħal sew.

Mhux talli ma ġibitx din il-prova, talli hemm indizju li l-frejm kien imwaħħal sew, billi li wara li waqa', il-viti kienu għadhom f'posthom u lanqas kienu mgħawġin 'l isfel. Dan jindika li l-frejm waqa' mhux għax ma kienx imwaħħal kif suppost imma minħabba li l-appellanti dendlet il-ħwejjeġ miegħu.

11. Dan l-aggravju huwa wkoll miċħud.

12. **It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx dwar it-talbiet għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.** Ġaladarba l-appellata m'għandha l-ebda responsabilità għall-inċident, m'hemmx lok li jiġi kkunsidrat dan l-aggravju.

***Decide***

13. Għal dawn il-motivi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-Ewwel Qorti kkonfermata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss